MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1247/2003

**“A”.**

**vs.**

**“B”.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta’ Novembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-14 ta' Settembru 1979 skond l-anness certifikat taz-zwieg hawn immarkat bhala dokument ‘A’;
Illi l-kunsens tal-kontendenti mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewwga;

Illi l-kunsens tal-kontendenti huwa vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomaliia psikolgika serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjoniiiet essenzjali ghaz-zwieg;

Illi l-kunsens ta' l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan *stante* illi hija qatt ma assumiet id-dmirijiet u l-obbligi tal-hajja mizzewga taghhom;

Illi l-kontendenti ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg is-setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed sabiex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

Illi l-istess attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet fl-14 ta' Settembru 1979 skond l-anness certifikat taz-zwieg huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi a tenur tal-Att taz-Zwieg, Kapitolu 255 tat-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 5 tal-process;

Rat id-digriet ghall-provi bl-affidavits moghti lill-partijiet fil-5 ta' Jannar 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attur sabiex jipprezenta x-xhieda kollha tieghu producibbli bil-procedura tal-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tad-9 ta' Frar 2004 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fil-fehma tal-eccipjenti iz-zwieg taghha lill-attur ma kienx null.

2. Illi la fil-premessi tac-citazzjoni attrici u lanqas fid-dikjarazzjoni annessa maghha ma huwa imfisser b'ebda mod liema huma l-fatti illi qeghdin jigu invokati mill-attur bhala motiv ghat-talba odjerna tieghu.

3. Illi l-eccipjenti tista' pero` teskludi b'mod assolut u kategoriku illi l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg kien vizzjat f'difett ta' diskrezzjoni jew b' anamolija psikologika. Similarment teskludi illi l-kunsens taghha jew tal-attur gie miksub b'qerq.

4. Illi l-eccipjenti tista' ukoll teskludi b'mod assolut u kategoriku l-allegazzjoni illi l-attur jew hi ma kellhomx is-setghet intellettwali mehtiega biex jikkontrattaw iz-zwieg.

5. Illi l-eccipjenti pero` ma tistghax f'dan l-istadju u *in vista* tal-assenza ta' elaborazzjoni mill-attur dwar il-fatti illi jimmotivaw it-talba tieghu, tressaq eccezzjonijiet dwar - jew taccetta u tammetti - l-ezistenza ta' difetti fid-diskrezzjoni tal-attur, anomoliji psikologici tieghu u l-eskluzjoni tieghu ta' xi obbligi tal-hajja mizzewga.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat in-nota tal-attur **"A"** tat-18 ta' Frar 2004 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess (fol 18), ta' missieru **"C"** (fol 19), ta' **"D"** (fol 21), ta' **"E"** (fol 23)**,** u ta' **"F"** (fol 24).

Rat il-verbali tal-25 ta' Frar 2004, tal-24 ta' Marzu 2004 fejn Dr Mark Attard Montalto ghall-attur prezenti, pprezenta l- affidavit ta' **"G"** u ddikjara li f'seduta wahda jaghlaq il-provi tieghu. Il-Qorti kkonfermat id-digriet taghha tal-5 ta' Jannar 2004, u nnominat lil Dr Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju, biex jiffissa zewg seduti ghal konkluzzjoni provi tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-3 ta' Gunju 2004.

Rat in-nota tal-konvenuta **“B”** tat-3 ta’ Mejju 2004 fejnipprezentat l-affidavit taghha stess (fol 30), ta’ **“H”** (fol 36), ta’ **“I”** (fol 38) u ta’ **“J”** (fol 40).

Rat il-verbali tat-3 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti kkonfermat ghall-ahhar darba d-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2004. Tali seduti ghandhom jigu ffissati b'ordni tal-Qorti sa l-ahhar ta' Lulju 2004 u fin-nuqqas il-Qorti avzat li ser tiehu l-passi opportuni fil-konfront tal-Assistent Gudizzjarju. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghas-16 ta' Novembru 2004; tas-16 ta’ Novembru 2004; tat-2 ta’ Marzu 2005 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Paul Farrugia *stante* li ma kienx ghadu appuntat bhala Assistent Gudizzjarju mal-Qorti tal-Familja u nnominat minfloku lil Dr Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni tal-provi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 t'Ottubru 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmum minn Dr Kenneth Gulia, Assistent Gudizzjarju fit-2 ta’ Gunju 2005 fejn xehdet in kontro-ezami l-konvenuta u l-attur kollox minn fol. 47 sa 62 tal-process.

Rat in-notament tas-Assistent Gudizzjarju a fol. 63 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2005 fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-provi jinsabu maghluqa. Dr Mark Attard Montalto ghall-attur talab li jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta’ tlettin (30) gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu jew jkollha tlettin (30) jum biex jirrispondi jew tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2006.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attur qed jitlob li z-zwieg celebrat fl-14 ta' Settembru 1979 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tas-**sub-incizi (c), (d), (f) u (h) ta' l-artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi **l-artikolu 19 (1) (c), (d), (f) u (h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:-
**Artikolu 19 (1)** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

***(c)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

***(d)****"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

***(f)*** *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

***(h)*** *"jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intellettwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg".*

Illi **l-artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** jipprovdi ghan-nullita` taz-zwieg jekk il-kunsens ta' wiehed mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Dan l-

artikolu qed tibbaza fuqu l-konvenuta fil-kontro-talba taghha.

Illi l-**artikolu 19 (1) (c)** jghid li zwieg ikun null *"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga"*. Dina d-dispozizzjoni hi kwazi identika fil-formulazzjoni taghha ghall-***Canone 1098* tal-Kodici ta' Dritt Kanoniku** vigenti u hu evidenti li d-dispozizzjoni fil-ligi taghna giet ispirata mill-istudji preparatorji u mill-abbozzi tal-Kodici Kanoniku gja' ezistenti fl-1981, cjoe' qabel ma l-imsemmi Kodici gie effettivament promulgat. Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tikkummenta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi vs Joseph Spiteri"**, l-**artikolu 23 tal-Kap. 255** ma huwiex ta' ostakolu li ssir referenza ghad-dottrina u l-gurisprudenza kanonika bhala fonti ta', u ghajnuna ghall-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni in ezami, u dan bhalma l-fatt li ligijiet ta' pajjizi ohra ma humiex parti mill-ligi ta' pajjizna ma hux ta' ostakolu li ssir referenza ghal dawk il-ligijiet u ghall-gurisprudenza ta' dawk il-pajjizi ghall-finijiet ta' nterpretazzjoni tal-ligi domestika.

Illi l-qerq ravvizat fid-dispozizzjoni tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255** jincidi <u>direttament</u> fuq l-intellett ta' xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg u <u>ndirettament</u> fuq il-volonta' tal-persuna ngannata. F'din id-dispozizzjoni, ghalhekk, dak li jintlaqat direttament mhux il-kunsens, izda l-intellett. Kif jispjega l-gurista ***Jose' Castano***:-

*"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente. Con la particella ex vogliamo significare l'immediata causalita' dell' errore sul consenso. L'atto di consentire pero' e' atto entittivamente di volonta"*. ***(Il Sacremento del Matrimonio, Roma, 1992, p. 357)***. Dan il-qerq jista' jigi kemm minn wahda mill-partijiet fiz-zwieg kif ukoll minn terza persuna. *"In definittiva, quello che conta e che <u>il dolus abbia influsso nel consenso</u>, cioe' che il consenso matrimoniale provenga dall' errore doloso, senza il quale il consenso non sarebbe mai stato espresso"* (<u>op</u>. <u>cit</u>. P. 358).

Illi biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvizata fil-paragrafu in dizamina jridu jikkonkorru erba' affarijiet:-

i) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;

ii) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;

iii) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u

iv) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-attur min-naha tieghu ssemmi wkoll l-**artikolu 19 (1) (d)** li jipprovdi li zwieg ikun null jekk *"vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg"*.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *discretio judicii* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"la piena avvertenza e il deliberato consenso….La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che*

*ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* ***(Bersini. F.,*** **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino, 1994)**, p. 97.)

Illi l-istess awtur ikompli jispjega li *"e necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio. "……..se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"* ***(Pompedda, MF.,*** **Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento (Bologna, 1991)**, pp. 231, 233).

Illi l-awtur ***Viladrich*** jispjega li:-

*"The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting*

*parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* **(*Viladrich, P.J.*, Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated (Montreal, 1993*)***, *p. 686).*

Illi l-attur jirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (f)** li jippovdi li hemm nullita' taz-zwieg jekk wiehed jew wahda mill-partijiet jaghti l-kunsens tieghu bl-esklussjoni posittva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan is-subartikolu gie wkoll diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs "B" Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

Illi fl-ahharnett l-attur jirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (h)** fejn –istess provizzjoni tal-ligi tipprovdi li hemm nullita’ taz-zwieg meta l-kunsens ta’ xi wiehed mill-partijiet ikollu il-kunsens tieghu vizzjat minhabba li wahda mill-partijiet ma jkollhiex *“setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg”.*

Illi kwantu ghad-difett ravvizat fil-paragrafu **(h)**, dan jidher li gie mudellat fuq xi wiehed mill-iskemi li kienu gew prezentati sal-1981 bi thejjija ghall-Kodici l-gdid tad-Dritt Kanoniku (promulgat f’Jannar tal-1983) (ara ***Gherro, S***., **Diritto Matrimoniale Canonico**, **CEDAM (Padova)**, 1985, pp. 126-128). Illum l-istess kuncett li nsibu fil-paragrafu **(h)** jinsab sintetizzat fl-ewwel inciz tal-**Kanone 1095**, *“qui sufficienti rationis usu carent”*. Kif jispjega l-gurista ***Viladrich***, *“The expression sufficient use of reason refers to the degree of effective possession of the faculties of comprehension and will which is normally acquired from the age of seven years and which is absolutely necessary for a person to be the subject of human acts and to be morally responsible. It is the task of jurisprudence to determine in a concrete case (in casu) the relationship between a proved mental illness or disturbance and the lack of sufficient use of reason in a particular contracting party”* (op. cit., p. 685). Ghalhekk, filwaqt li d-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju hu marbut specifikatament mal-oggett tal-kunsens matrimonjali, id-difett imsemmi fil-paragrafu **(h)** jirreferi ghall-kunsens matrimonjali b'mod aktar generali. Pero' kif jispjega l-awtur ***Castano***:

*“Il canone precisa che non e' necessario che la privazione dell'uso della ragione sia totale. Com'e' ovvio, anche questa circostanza e' richiesta non solo per l'atto umano di consentire, ma per ogni atto umano. Il canone invece dice espressamente che la carenza dell'uso della ragione nella sua specificita' di vizio del consenso matrimoniale, deve essere sufficiente, cioe' questa carenza deve essere proporzionata all'atto specifico di consentire ad un negozio cosi' importante ed impegnativo come e' il matrimonio. In fatti il matrimonio e' un negozio che: a) si*

*riferisce ad un matrimonio determinato con una persona determinata; b) impegna l'intimo della vita degli sposi nella sua totalita'; c) compromette due persone a vivere le relazioni interpersonali; d) non e' per un periodo, ma deve durare per tutta la vita. Di conseguenza, se da una parte non si richiede che la carenza dell'uso della ragione sia assoluta, d'altra parte pero' non e' sufficiente qualsiasi privazione, ma quella che sia proporzionata alla importanza che assume il consenso matromoniale. A nessuno sfugge la differenza tra il "grado" dell'uso della ragione richiesto per consentire al matrimonio e quello richiesto, ad esempio, per "comprare un vestito”* (op. cit. p. 310). Illi dwar dan issir riferenza ghas-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Michelina Micallef vs Amabile Buttigieg”** (19 ta’ Dicembru 1995).

**(ii) Apprezzament tal-Provi.**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tordna li ssir korrezzjoni fit-talba attrici *stante* li jidher li z-zwieg mertu ta’ din l-azzjoni ta’ annullament inizjata mill-attur jidher li sehh fl-14 ta’ Settembru 1979 u dan anke skond certifikat taz-zwieg numru 1786/1979 li kopja informali tieghu giet annessa mac-citazzjoni attrici a fol. 5 tal-process bhala Dok. “A’ u ghalhekk din il-Qorti tordna li d-data indikata fit-talba attrici bhala dik tad-“29 ta’ Lulju 2000” ghandha tigi sostitwieta b’dik ta’ l-14 ta’ Settembru 1979.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partjiet izzewgu fl-14 ta’ Settembru 1979 u sseparaw minn xulxin b’kuntratt pubbliku datat 9 ta’ Lulju 1998 fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo’. Jidher u jirrizulta li l-istess koppja kellha biss tifel wiehed “K” li ghandu l-kundizzjoni ta’ *“downs syndrome”*.

Illi huwa opportun li jinghad li f’dan il-kaz il-konvenuta qed topponi li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg anzi hija tghid li *“fil-fehma tal-eccipjenti iz-zwieg taghha lill-attur ma kienx null”.* Izda din il-Qorti tinnota li ghalkemm hemm kazijiet fejn il-partijiet jaqblu li hemm kaz ta’ annullament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta’ annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm presunzjoni legali wkoll favur il-

validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku.

Illi jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, jew bhal dan il-kaz meta l-partijiet isseparaw bonarjament, izda f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs "B" Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987 u fis-sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta **"Wilma Vancell vs Joseph Vancell"** (P.A. (RCP) 3 ta' Novembru 2004); **"Caroline Grech vs Ian Borg"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2004); u **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzipardi"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2004).

Illi fil-fatt l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' l-allegati cirkostanzi esposti fil-kaz tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-Ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi u f'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Citaz. Numru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghall-separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghall annullament taz-zwieg; ta' l-ewwel jirreferu ghall-zwieg vaildu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura jrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi din il-Qorti thoss li hawn japplika l-principju wkoll, dejjem fid-dawl ta' dak fuq gja indikat, li l-oneru tal-prova ta' l-allegazzjonijiet attrici tispetta lill-attur u f'dan il-kaz din il-Qorti tirrileva li l-konvenuta b'mod kategoriku ssostni li l-kunsens taghha ma kien bl-ebda mod vizzjat u certament lanqas abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (h)** indikati mill-attur fil-konfront tal-konvenuta. Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur bl-ebda mod ma pprova li kien hemm xi vizzju ta' kunsens *da parte* tal-konvenuta lanqas abbazi ta' l-artikoli fuq citati; mill-provi prodotti, minkejja l-allegazzjonijiet attrici jirrizulta li l-konvenuta zzewget lill-attur ghaliex kienet thobbu u riedet tistabbilixxi familja mieghu; kienu ilhom li iltaqghu flimkien meta l-konvenuta kellha 13-il sena u l-attur kellu 16-il sena cirka u zzewgu wara li damu johorgu flimkien ghall-seba' (7) snin u wara erba' (4) snin kienu taw ukoll l-*engage*.

Illi jidher li kien hemm xi opposizzjoni minn naha tal-ġenituri ta' l-attur ghaliex xtaqu li binhom jizzewweg mara li tkun iktar sinjura, ghaliex jidher li l-istess attur u l-ġenituri tieghu kienu fin-negozju, izda jidher li l-attur kien verament ihobb lill-konvenuta u kompla ghaddej bir-relazzjoni tieghu maghha u fil-fatt sehh iz-zwieg wara li saru d-debiti preparamenti kollha. Jinghad ukoll li minkejja l-allegazzjoni ta' l-attur li martu zzewgitu ghall-flus, ma hemm prova ta' xejn dwar dan, anzi jidher li l-istess konvenuta kienet taf ghal x'xhiex diehla fil-hajja mizzewga u kienet lesta li tagixxi bhala mara mizzewga u omm ta' uliedha, jekk dejjem dawn jigu, u fil-fatt l-affidavit taghha jikkontradixxi dak kollu li gie allegat mill-attur fil-konfront ta' l-attrici f'dan ir-rigward.

Illi dan ma jfissirx li ma kienx hemm dizgwid matrimonjali jew li l-koppja ma kellhiex diffikultajiet fiz-zwieg; anzi jidher li kien hemm diffikultajiet serji fl-istess zwieg, matul is-snin li l-istess koppja damet tghix flimkien u specjalment dawn hargu fil-berah mat-twelid ta' binhom. Illi fil-fatt jidher li dan fl-ahhar wassal ghall-firda personali, izda bl-ebda mod dan ma jaffettwa l-kunsens tal-konvenuta.

Illi dwar l-istess sub-artikoli din il-Qorti thoss li l-istess attur naqas li jipprova li l-kunsens tieghu kien b'xi mod ivvizjat

abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (h) tal-Kap 255;** anzi l-provi minnu stess prodotti juru l-kuntrarju u ghalhekk anke fuq din il-bazi t-talba attrici ghandha u qed tigi michuda.

Illi dwar il-vizzju ta' kunsens ta' l-attur abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** mill-provi prodotti anke mill-attur innifsu ma hemm l-ebda prova li l-attur b'xi mod issimula l-kunsens tieghu ghaz-zwieg; anzi jidher li l-attur kien ihobb lill-konvenuta, ried jizzewigha u impenja ruhhu li jaghmel dan u allura anke fuq din il-bazi l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi minhabba mankanza totali ta' provi f'dan ir-rigward.

Illi fil-fatt jidher li l-bazi kollha ta' l-azzjoni attrici hija verament ippermjata fuq l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** u dan peress li l-attur qed jallega li l-konvenuta qarqet bih ghaliex hbietlu certi allegati fatti dwarha u l-familja taghha, li kieku kien jaf bihom huwa ma kienx jizzewweg lill-konvenuta; dan huwa assulutament michud mill-konvenuta u din il-Qorti sejra tezamina jekk tali allegazzjoni attrici gietx effettivament ippruvata u kienx hemm dan il-qerq fuq l-attur.

Illi l-attur jallega li l-familja tal-konvenuta kien hemm dak li sejjah bhala *"sensiela shah ta' pesuni b'dizabilitajiet differenti liema dizabilitajiet huma kollha genetici. Dawn id-dizabilitajiet ivvarjaw minn downs syndrome kif ghandu t-tifel tieghi sa' "mentally retarded" kif ghandhom it-tfal ta' hutha";* jghid ukol li *"familja taghha, ma fethuliex ghajnejja li ghandhom din il-kwalita' ta' mard fil-familja taghhom".*

Illi dawn l-allegazzjonijiet bl-ebda mod ma gew ippruvati, u minn l-ebda lat ma ingabet l-ebda prova li l-kundizzjoni ta' l-istess tifel tal-kontendenti hija wahda ereditarja u genetika – dwar dan ma hemm l-ebda prova medika u l-istess attur lanqas biss talab jew staqsa ghal xi prova medika – ghamel biss allegazjoni kerha u krudila bla ebda bazi xjentifika ta' xejn permezz ta' din il-kawza u tali dikjarazzjoni qed issir wara li ilu mizzewweg lill-konvenut mas-sitta u ghoxrin (26) sena.

Illi lanqas ma ingabet l-ebda prova li l-kundizzjoni ta’ *down syndrome* hija b’xi mod relattata ma’ kundizzjoni ta’ *educational sub normal* li neputijiet tal-konvenuta jidher li jbatu minnha (u l-ismijiet mhux qed jissemmew f’din is-sentenza sabiex l-istess persuni indikat mill-attur jigu prottetti, ghaliex dawn huma affarijiet sensittivi immens). Dan apparti dak li l-konvenuta tghid li kien qal lilha u lill-attur il-Professur Cuschieri, li l-attur bl-ebda mod ma kkontradixxa, wara li sehhet din id-dikjarazzjoni kategorika fuq dan l-aspett mill-konvenuta fl-affidavit taghha datat 3 ta’ Mejju 2004.

Illi l-istess attur irrefera ghat-tifla ta’ ohtha l-ohra “L”, fejn il-konvenuta spjegat li l-kundizzjoni ta’ din wkoll ma kellha x’taqsam xejn mal-kondizzjoni ta’ iben il-kontendenti u gie spjegat ukoll l-incident li kkawza dan; l-attur semma' ukoll kugina tal-konvenuta, llum sfortunatament mejta, li kienet effetta wkoll bid-*downs syndrome,* pero’ mill-provi prodotti ma jirrizulta li kien hemm ebda konnessjoni bejn il-kondizzjoni ta’ iben l-attur u din il-persuna llum mejta u certament l-attur ma gab l-ebda prova dwar dan. Hawn wiehed jirreferi wkoll ghall-kontro-ezami tal-konvenuta u l-ahhar kliem taghha a fol. 53 tal-process fis-seduta tat-2 ta’ Gunju 2005 dwar l-istess anke dwar dak li qal lill-koppja odjerna l-Professur Cuschieri u hija sinfikanti li l-attur bl-ebda mod ma gab ebda prova sabiex jikkontradixxi dan.

Illi apparti dan kollu l-allegazzjonijiet attrici lanqas jistghu jirnexxu abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** *stante* li dwar dan kollu l-attur kien jaf qabel ma’ zzewweg lill-konvenuta u l-istess konvenuta taghti dettalji shah dwar dan u f’dan il-kuntest hija korroborata mix-xhieda ta’ ohtha “M” u “N” li kollha kemm huma jixhdu kif kienu huma stess li infurmaw u gharrfu lill-attur bil-kondizzjonijiet li kellhom uliedhom u dan qabel iz-zwieg, u hawn il-Qorti tirrferi ghall-affidavits ta’ l-istess li huma dettaljati u konvincenti f’dan l-aspett, tant li ma jhallu l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti, li x-xhieda ta’ l-attur u tax-xhieda prodotti minnu fuq dan l-aspett ma humiex kredibbli, u wisq inqas versosimili. Anzi din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti thoss li din il-versjoni ta’ l-attur fuq dan l-aspett ma hijiex veritiera, izda biss huwa sforz mhux

ammirevoli sabiex l-istess attur, ghar-ragunijiet tieghu, fosthom li llum jidher li ghandu relazzjoni ma' mara Russa, jittenta jottjeni dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tieghu mal-konvenuta; haga li ma tistax issehh *stante* li l-provi attrici assulutament ma jwasslux lil din il-Qorti ghall-tali konvinzjoni; anzi din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici ma ghandha l-ebda bazi sabiex b'xi mod tirnexxi. F'dan ir-rigward u dwar il-mod kif mexa l-attur f'din il-kawza din il-Qorti tirreferi wkoll ghax-xhieda tal-konvenuta fl-affidavit taghha u partikolarment issir riferenza ghas-sitt (6) paragrafu *et sequitur* ta' fol. 34 sa fol. 35 tal-process fejn il-konvenuta tghid:-

*"F'Novembru 2003 cempilli l-attur u qalli li ghandu bzonn pjacir. Jiena ghedtlu li jekk nista' nghinu. Qalli li ried l-annullament ghax kien gab Russa u ried jizzewwigha peress li kien qed ikollu jhallsilha l-passagg kull darba li kellha tohrog barra l-pajjiz. Jiena kont irrispondejtu li biex tiehu l-annullament jrid jkollok raguni valida, fakkartu li konna ilna mizzewwgin kwazi erba' u ghoxrin sena (hamsa minnhom separati) u li kellna tifel ta' tlieta u ghoxrin sena. Hu rrispondieni u qalli li l-avukat tieghu qallu li jista' jiehdu ghaliex ghandu ragunijiet validi. Jiena saqsejtu, "dawn ir-x' ragunijiet huma". "A" qalli biex nghid li kont izzewgtu ghall-flus. Jiena bdejt nidhaq u ghedtlu taf li jien izzewwigtek b'iktar minn mitt elf lira dejn u bqajt inhallas id-dejn anke wara s-separazzjoni ghaliex konna xtrajnieh in-negozju minghand missierek!".*

*"Qalli li kien hemm haga ohra wkoll u semma' it-tifel. Fakkartu fit-testjiet li konna ghamilna ghand Prof. Cuschieri u ghedtlu anke issa ser tibqa' tweggani bit-tifel. Qalli biex nikkopera mieghu ghax dan l-annullament riedu, pero' jien ghedtlu li ma kontx lesta li nigdeb ghalih, ghedtlu ukoll li jekk ser jerga' jqajjem l-istorja tat-tifel jiena kont ser niggilidlu. Gimgha wara cempilli u beda jinsisti fuq il-fatt illi riedni nikkopera mieghu biex jirnexielu jgib l-annullament u jizzewweg lir-Russa".*

Dwar dan kollu l-attur ma qal xejn lanqas meta kien qed jixhed *viva voce* u fil-fatt wara li gie pprezentat l-affidavit tal-konvenuta l-istess attur ma jidher li ghamel xejn sabiex

b’xi mod jikkontradixxi din ix-xhieda sinifikanti tal-konvenuta.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta biss inkwantu l-istess huma b’xi mod kompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------